MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2023

Rikors Maħluf Numru 180/2017 LM

**Carmel Brincat (K.I. Nru. 349654M)**

***vs.***

**Christian Borg (K.I. Nru. 315493M) u b'digriet tat-8 ta' Mejju, 2017 ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* is-soċjetà Mapfre Middlesea Insurance plc (C 5553)**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-27 ta' Frar, 2017 mir-rikorrent **Carmel Brincat (K.I. Nru. 349654M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-23 ta' Settembru, 2015, waqt li l-esponenti Carmel Brincat kien wieqaf fil-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni FAW 879 ġo* side street *fi Triq Ħal Tarxien, Żejtun, huwa intlaqat u ġie investit mill-intimat li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBK 179, fejn korra lill-istess esponent Carmel Brincat u kkaġunalu feriti ta' natura gravi u debilitanti;*

2. *Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament l-intimat minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur tal-artikolu 1031 u 1032(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponenti Carmel Brincat ġarrab danni emerġenti (damnum emergens) li kienu jinkludu spejjeż ta' tobba u speċjalisti, xiri ta' karozza ġdida minħabba li l-vettura tiegħu ma setgħetx tirranġa ruħha (skont id-dokument anness u mmarkat bħala Dok. A) u telf ieħor li ser jirriżulta waqt il-proċess tal-kawża;*

4. *Illi bħala konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab konsegwenza tal-istess inċident, l-esponent Carmel Brincat sofra danni ta'* lucrum cessans *minħabba debilità permanenti riskontrata u aċċerta;*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn ir-rikorrent qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab ir-rikorrenti;*

2. *Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali preżentata llum kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimat skont il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali kontra l-istess intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Christian Borg (K.I. 315493M)** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat'], li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Marzu, 2017, li biha eċċepixxa:

i. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li l-inċident stradali li seħħ fit-23 ta' Settembru, 2015, fi Triq Tarxien, Żejtun, waqt li l-esponenti kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBK 179, ma ġarax minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti;*

ii. *Illi in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent in linea ta' danni u t-talbiet tiegħu fil-konfront tal-esponenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

iii. *Illi bla preġudizzju għall-premess u fi kwalsiasi każ, l-inċident stradali in kwistjoni seħħ għal raġunijiet imputabbli lir-rikorrent minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;*

iv. *Illi fi kwalsiasi każ, id-danni reklamati mir-rikorrent għandhom jiġu ppruvati;*

v. *Illi l-ebda imgħax ma huwa dovut fuq ammont* da liquidarsi;

vi. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Permezz tal-kawża odjerna ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara lill-intimat responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u sabiex jiġu likwidati danni bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans* li l-intimat għandu jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrent. Ir-rikorrent jikkontendi li fit-23 ta' Settembru, 2015, waqt li kien wieqaf fil-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni FAW 879 ġo *side street* fi Triq Ħal Tarxien, Żejtun, huwa allegatament intlaqat u ġie investit mill-intimat li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBK 179 [minn issa 'l-inċident'], fejn korra lill-istess

rikorrent u kkaġunalu feriti ta' natura gravi u debilitanti b'mod permanenti, kif ġie kkonstatat minn diversi tobba li invistaw lir-rikorrent wara l-inċident.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

4. Flimkien mar-rikors promutur, ir-rikorrent ippreżenta diversi dokumenti, fosthom kopja tal-irċevuta ta' xiri ta' vettura[1]; kopja tar-*road traffic accident report*[2] li tħejja mill-Pulizija wara l-inċident*;* kopja tar-rapport mediku li ġie rilaxxjat mill-isptar Mater Dei minn Dr Angele Sultana, dwar il-ġrieħi li sofra r-rikorrent fl-inċident[3]; kopja tar-rapport mediku li sar minn Mr Frederick Zammit Maempel[4]; u kopja tar-rapport mediku li sar minn Mr Joseph E. Briffa.[5] Min-naħa tiegħu l-intimat ppreżenta kopja tal-*motor claim form* bid-data tas-6 t'Ottubru, 2015[6], kif ukoll kopja tar-*road traffic accident insurance report* tat-23 ta' Settembru, 2015.[7]

5. Ir-rikorrent **Carmel Brincat**, fl-*affidavit* tiegħu[8] spjega li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien qiegħed jagħmel xi qadi, u fost l-oħrajn mar għand Camilleri Marbles, fl-inħawi tal-Gudja, meta ressaq il-vann tiegħu aktar viċin tal-

---

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 5 tal-proċess.
[3] *A fol.* 15 tal-proċess.
[4] *A fol.* 19 tal-proċess. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Mr Frederick Zammit Maempel qal illi: "*Mr Brincat was examined for the purposes of this report seven months after the index accident. He sustained a capsular injury and a minor fracture of the right elbow which has left a residual stiffness in this joint; so that he cannot now fully straighen the elbow, or rotate the right hand into full supination. The CT scan of his neck confirms that he suffered from arthritis in the neck prior to the accident, albeit of a subclinical or asymptomatic variety. He slammed his forehead and scalp against a sharp, hard, object and sustained an extensive nasty laceration. The neck jolting stirred up sypmtoms of his arthritic neck and seven months later he continues to experience left sided neck pain. Neck arthritis manifests as stiffness and occasional discomfort, especially in cold or humid weather. It appears that his neck symptoms are more persistent though intermittent. In conclusion, Mr Brincat has a permanent disability rated at 6% (six); and this rating takes no consideration of the cosmetic complaint arising from the scar over his forehead and scalp.*"
[5] *A fol.* 22 tal-proċess. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Mr Joseph E. Briffa kiteb illi: "*On the basis of my clinical findings, it is my professional opinion that Mr Brincat has sustained the following permanent disability:* (ta' natura kożmetika biss) ... ***<u>Total Permanent Disability: 5.00% (five per cent)</u>****. This assessment does not take any disability resulting from the fracture of the humerus into consideration. This should be assessed by an orthopaedic surgeon.*"
[6] *A fol.* 33 tal-proċess.
[7] *A fol.* 35 tal-proċess.
[8] *A fol.* 45 tal-proċess.

ħanut sabiex jgħabbi l-materjal fih. Qal li meta ġie biex iċaqlaq il-vann minn fejn kien ipparkjat, kellu jirriversja mas-*side street* sabiex jidħol minflok vettura oħra li kienet ipparkjata mal-ġenb u kienet ħierġa, u għalhekk waqaf għal ftit sekondi. Qal li sakemm huwa kien qiegħed jistenna sabiex jipparkja l-vettura tiegħu, ħass daqqa qawwija, u mal-impatt huwa spiċċa fuq in-naħa tas-*seat* tal-passiġġier. Ir-rikorrent qal li wara ftit tal-ħin waslet l-ambulanza u huwa ttieħed l-Isptar.

6. **Gracie Brincat**, mart ir-rikorrent, fl-*affidavit* tagħha xehdet[9] li hija saret taf li r-raġel tagħha kien involut f'inċident mingħand it-tifel tagħhom, li kien ħadha l-Isptar ftit tal-ħin wara l-inċident. Qalet li x'ħin rat lir-raġel tagħha, dan kellu rasu miftuħa u widnejh imċarrta. Qalet li r-rikorrent dam rikoverat l-isptar erbat ijiem. Xehdet li filwaqt li qabel l-inċident ir-raġel tagħha kien jagħmel kollox, wara l-inċident dan beda jqatta' ħafna ħin rieqed, u meta joħroġ dejjem jilbes il-beritta sabiex jgħatti l-ferita ta' fuq rasu. Ix-xhud qalet li wara l-inċident, anki l-karattru tar-raġel tagħha nbidel.

7. **Alex Brincat**, iben ir-rikorrent, fl-*affidavit* tiegħu[10] xehed li huwa kien sar jaf li missieru kien involut f'inċident tat-traffiku fit-23 ta' Settembru, 2015 għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, u meta wasal l-isptar fejn kien hemm missieru rikoverat, huwa sab lil missieru b'ħafna demm, b'tiċrita kbira f'rasu u b'widintu maqtugħa. Qal li missieru sarulu diversi testijiet, u l-qagħda ta' saħħet missieru ġiet deskritta mit-tobba bħala waħda gravi ħafna, għalkemm ma kienx fil-periklu li jitlef ħajtu. Ix-xhud qal li dan l-inċident bidel il-ħajja ta' missieru b'mod negattiv ħafna, u filwaqt li qabel missieru kien bniedem ħabrieki u dejjem jaħdem, wara l-inċident huwa sofra tnaqqis fis-saħħa ta' idu l-leminija, u għal ħafna żmien ma riedx joħroġ mid-dar. Qal ukoll li l-membri tal-familja ma

[9] *A fol.* 46 tal-proċess.
[10] *A fol.* 47 tal-proċess

jafdawx lil missieru waħdu għaliex kultant ma jifhimx dak li jintqal lilu, u sar bniedem fraġli ħafna.

8. **Eric Brincat**, bin ir-rikorrent, fl-*affidavit* tiegħu[11] qal li huwa sar jaf li missieru kien involut f'inċident minn persuna li jaħdem il-*gypsum.* Ix-xhud irrakkonta x'ġara dakinhar tal-inċident, u qal li huwa mar l-isptar ħdejn missieru. Qal li wara l-inċident missieru nbidel ħafna, m'għadux jiċċajta bħal qabel, ikun anzjuż meta jirkeb f'vettura ma' xi ħadd, u m'għadx għandu s-saħħa li kellu qabel.

9. Il-psikoterapista **Dr Charles Cassar**, li kien qiegħed isegwi lir-rikorrent għal xi żmien, fir-rapport mediku tiegħu qal[12] li konsegwenza tal-inċident r-rikorrent qiegħed isofri minn *Post Traumatic Stress Disorder*, u minħabba f'hekk huwa spiċċa jsofri minn diversi disturbi, anki fit-taħdit, kif ukoll ħsibijiet negattivi u nuqqas ta' konċentrazzjoni. **Dr Joseph Spiteri**, konsulent psikjatriku, fir-rapport tiegħu dwar il-qagħda medika tar-rikorrent[13], fil-parti konklussiva tiegħu spjega li minħabba l-inċident r-rikorrent beda jsofri minn problemi psikjatriċi, u li:

> *"Although Mr Brincat sustained a head injury and investigations did not show any pathology this does not exclude that following the trauma he sustained minor cerebral contusion which could affect his long term prognosis. ... If the current framework of civil damages is applied to this case, a Post-Traumatic Stress Disorder with depressive symptomatology of moderate severity but requires review can be awarded 12% disability. He has however another 5% disability from the aesthetic point of view and another 6% disability from the orthopaedic point of view."*

[11] *A fol.* 49 tal-proċess.
[12] *A fol.* 90 tal-proċess.
[13] *A fol.* 100 tal-proċess.

10. *F'affidavit* ulterjuri ppreżentata minnu[14], ir-rikorrent spjega li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kellu wieħed u sittin (61) sena, u dak iż-żmien kien diġà pensjonant. Qal li l-inċident seħħ meta mar jagħmel xi qadi għal ibnu Eric Brincat biex jixtri materjal tal-*gypsum,* għaliex dak iż-żmien kien qiegħed jagħmel xi xogħol fid-dar ta' ibnu. Qal li l-inċident seħħ meta huwa ressaq il-vann aktar viċin il-ħanut sabiex ikun jista' jgħabbi l-affarijiet fih, u kien hemm li seħħ l-inċident. Qal li wara l-inċident huwa beda jmur għand diversi tobba, u għalhekk qiegħed jonfoq ħafna flus f'mediċina. Qal li l-vann tiegħu tal-marka Toyota Lite Ace ma setax jissewwa u kellu jiġi skrappjat, u għalhekk huwa kellu jixtri vettura ġdida. Qal ukoll li huwa m'għadux jista' jgħin lil martu għaliex ma jistax jerfa' affarijiet tqal jew jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fid-dar, u għalhekk issa qiegħed ikollu jqabbad u jħallas lin-nies għal dan ix-xogħol. Qal ukoll li dak iż-żmien li seħħ l-inċident, huwa kien qiegħed jikkonsidra li jerġa' jidħol fl-impjieg maċ-Ċivil, għaliex qabel l-età tal-irtirar ir-rikorrent kien fil-Forzi Armati ta' Malta, u qal li ladarba jerġa' jidħol fis-servizz huwa kien ser jingħata salarju bażiku. Ir-rikorrent ippreżenta diversi irċevuti in sostenn tal-pretensjoni tiegħu li jitħallas għad-danni reali sofferti minnu.[15]

11. Il-kontro-eżami tar-rikorrent sar waqt l-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2018[16], fejn qal li l-vann li kien qiegħed isuq fil-ħin tal-inċident kien ilu għandu madwar tmienja jew disa' snin, u kien xtrah *second-hand.* Ir-rikorrent spjega li l-inċident seħħ meta huwa rriversja mit-triq prinċipali Tarxien Road għal ġo *side street,* biex ikun jista' jipparkja. Ir-rikorrent ikkonferma li biex għamel din il-

[14] *A fol.* 106 tal-proċess.
[15] *A fol.* 114 *et seq* tal-proċess. L-irċevuti huma: €6.99 għar-rapport u l-iskizz; €6 miżata tal-Isptar Saint James; €50 konsulenza ma' Mr Zammit Maempel; €140 ħlas għar-rapport mediku; €50 vista għand Mr Zammit Maempel; €6 miżata tal-Isptar Saint James; €51 Sptar Saint James; €200 rapport mediku ta' Mr Briffa; €60 vista għand Dr Joseph Spiteri; €70 vista għand Dr Joseph Spiteri;€80 vista għand Dr Joseph Spiteri; €450 għar-rapport mediku ta' Dr Joseph Spiteri; €19.98 Alpha Pharmacy; €17.49 Cilia's Pharmacy. Dawn iż-żewġ riċevuti li jinsabu *a fol.* 120 tal-proċess reġgħu ġew riprodotti f'fol. 121 tal-proċess; €2,300 spejjeż għax-xiri ta' vettura; €270 għall-psikoterapija.
[16] *A fol. 130* tal-proċess.

manuvra huwa mar kontra d-direzzjoni li kien qiegħed jinstaq fiha t-traffiku, u l-manuvra li għamel kienet li rriversja mit-triq prinċipali għal ġos-*side road.* Qal li l-inċident seħħ meta huwa kien wieqaf jistenna biex jidħol fil-parkeġġ, u dak il-ħin huwa kien qiegħed jimblokka l-ħruġ mis-*side street.* Ir-rikorrent qal ukoll li huwa ma rax il-vettura li eventwalment baqgħet dieħla fih. Ir-rikorrent qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien liebes ċinturin tas-sigurtà, u qal li dan inqala' mad-daqqa, u kien għalhekk li huwa spiċċa fuq is-*seat* tal-passiġġier. Ir-rikorrent ikkonferma li huwa ħareġ bil-pensjoni fl-2008, u qal li kemm kien ilu irtirat qatt ma reġa' ħadem. Qal ukoll li huwa m'applikax biex jerġa' jidħol fis-servizz, la qabel l-inċident u lanqas wara.

12. Il-kontro-eżami ta' iben ir-rikorrent **Alex Brincat**, sar waqt l-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2019[17], li kkonferma li meta seħħ l-inċident missieru kellu l-età ta' wieħed u sittin sena, u dak iż-żmien missieru kien irtirat mill-Armata. Ix-xhud qal li huwa ma kienx preżenti waqt l-inċident, u kkonferma li b'kollox missieru dam erbat ijiem rikoverat l-isptar qabel ma ntbagħat id-dar.

13. Il-kontro-eżami ta' mart ir-rikorrent sar waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2019[18], li qalet li r-raġel tagħha kien ilu madwar sitt snin irtirat mill-Armata meta seħħ l-inċident. Qalet li minkejja li r-rikorrent ma fittix impjieg ieħor wara li irtira, huwa kien jgħin ħafna lil uliedu fl-affarijiet tad-dar tagħhom. Ix-xhud ikkonfermat li meta marret tara lil żewġha l-isptar wara l-inċident, hija u uliedha kien irnexxielhom ikellmuh. Ix-xhud qalet li l-inċident ir-raġel tagħha kien jagħmel ħafna xogħol għand uliedu, u kien jiffrankalhom ħafna flus, imma wara l-inċident huwa ma setax jibqa' jagħmel xogħol manwali.

---

[17] *A fol.* 174 tal-proċess.
[18] *A fol.* 190 tal-proċess.

14. Waqt l-istess udjenza sar il-kontro-eżami ta' **Eric Brincat**[19], li qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, missieru kien qiegħed jagħmel xi xogħol fid-dar tiegħu, fosthom mogħdija ta' pajpijiet tad-dawl, katusi, kisi, madum u xogħol tal-irħam. Qal ukoll li missieru ġieli tah daqqa t'id fix-xogħol tal-*gypsum.* Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa mar fuq il-post, u sab li missieru kien diġà fl-ambulanza. Qal ukoll li xi ħin wara huwa reġa' rritorna fuq il-post tal-inċident għaliex il-vettura ta' missieru ma setgħetx tinstaq u kellha tiġi irmunkata. Ix-xhud ikkonferma li wara l-inċident missieru ma baqax jgħinu fil-post li kien xtara għaliex saħħtu ma baqgħetx tippermettilu.

15. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2019, xehed **Mr Joseph Briffa**[20] li kkonferma li r-rapport mediku esebit in atti kien sar minnu fis-26 ta' Ġunju, 2016, u xi jumejn qabel huwa kien invista lir-rikorrent fl-Isptar Saint James, Tas-Sliema. Ix-xhud ikkonferma li meta huwa ħadem il-perċentwali tad-debilitajiet li sofra r-rikorrent, wasal għal rata ta' diżabilità ta' 5% li tkopri l-i*scars* kollha li kellu r-rikorrent, bl-aktar waħda evidenti tkun dik ta' rasu. Ix-xhud qal li huwa kien eżamina lir-rikorrent madwar disa' xhur wara li seħħ l-inċident. Ix-xhud ikkonferma li l-i*scars* itaffu maż-żmien, u għalhekk kien hemm uħud mill-feriti li laħqu mmaturaw u li mhux mistenni li jinbidlu minn kif kienu meta rahom hu.

16. Waqt l-istess udjenza xehdet **Dr Angela Sultana**[21], li qalet li hija eżaminat lir-rikorrent meta dan iddaħħal l-isptar immedjatament wara l-inċident. Qalet li huwa kellu ferita f'rasu li testendi min-naħa ta' wara għan-naħa tal-lemin, sal-widna, u r-rikorrent kellu wkoll xi uġigħ. Ix-xhud qalet li r-rikorrent inżamm l-isptar għall-osservazzjoni, u wara ġie lliċenzjat għaliex min-naħa tagħha ma kienx hemm problemi mediċi.

[19] *A fol.* 200 tal-proċess.
[20] *A fol.* 225 tal-proċess.
[21] *A fol.* 230 tal-proċess.

17. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2020 xehed **Dr Joseph Spiteri**[22], li kkonferma r-rapport psikjatriku tiegħu, u li ġie esebit in atti. Dan ix-xhud ikkonferma li huwa baqa' jsegwi lir-rikorrent wara li ħareġ dan ir-rapport.

18. Waqt l-udjenza tat-2 ta' Settembru, 2020, xehed **Mr Frederick Zammit Maempel**[23], li kkonferma r-rapport tiegħu, kif ukoll li r-rata ta' debilità ta' 6% bħala konsegwenza l-inċident li wasal għaliha fir-rapport tiegħu, esklużi il-problemi mediċi li seta' kellu r-rikorrent qabel seħħ l-inċident.

19. L-intimat fl-*affidavit* tiegħu[24] qal li dakinhar tal-inċident, huwa kien sejjer mir-residenza tiegħu ġewwa Marsaskala lejn l-ajruport fejn huwa jiġġestixxi ditta tal-kiri tal-vetturi. Spjega li fi triqtu lejn ix-xogħol huwa jgħaddi mit-triq prinċipali li tieħu miż-Żejtun, lejn il-Gudja u Ħal Għaxaq, u din hija triq li huwa jafha sew. Qal li x'ħin wasal ħdejn is-*showroom* ta' Camilleri Woodworks, ra vann abjad ħiereġ mis-*side street* għall-*main road,* u b'hekk lilu ostakolah fil-karreġġata minn fejn kien għaddej. Qal li qabel laħaq waqaf, ħass daqqa kbira mal-ġenb ta' quddiem u mal-ġenb tax-xellug tal-vettura tiegħu, u meta waqaf ħareġ mill-karozza sabiex jara x'kien ġara. L-intimat ikkonferma li kien hu li ċempel lill-Pulizija u għall-ambulanza, u huwa kien mar jara lir-rikorrent l-isptar fejn gie rikoverat. Qal ukoll li huwa ġarrab xi danni fuq il-vettura tiegħu, partikolarment fuq il-*bumper* ta' quddiem u tal-ġenb.

20. **Kenneth Camilleri**, rappreżentant ta' Mapfre Insurance, xehed waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2020[25], u qal li wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, kienet infetħet *claim* mill-intimat. Ix-xhud qal li kien sar ukoll *survey*

[22] *A fol.* 245A tal-proċess.
[23] *A fol.* 251 tal-proċess.
[24] *A fol.* 263 tal-proċess.
[25] *A fol.* 265 tal-proċess.

tal-vettura l-oħra involuta fl-inċident, u s-*surveyor* kien ikkonkluda li l-vettura l-oħra ma kinitx vijabbli li tissewwa, u din kellha valur ta' €650. Ix-xhud qal li minkejja li kien hemm komunikazzjoni mal-kumpannija li kien assigurat magħha r-rikorrent, l-ebda deċiżjoni ma ttieħdet f'dan ir-rigward għaliex l-inċident kien suġġett għal inkjesta maġisterjali. Dan ix-xhud esebixxa kopja tas-*survey report* u tar-ritratti li ttieħdu in segwitu għall-inċident.[26]

21. **Stephen Gauci**, *freelance vehicle surveyor,* xehed waqt l-udjenza tal-4 ta' Diċembru, 2020[27], fejn ikkonferma li l-vettura tar-rikorrent kienet *total loss.* Qal ukoll li l-valur tal-vann misjuq mir-rikorrent kien ta' €650, u qal li dawn it-tip ta' vetturi jkollhom problemi bis-sadid, u jkollhom ħafna mili għaliex jinstaqu u jitgħabbew ħafna. Qal li fil-fatt il-vann tar-rikorrent kellu 228,000 kilometru.

22. **PS 1042 Aaron Caruana**, xehed waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2021[28], u qal li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien kuntistabbli stazzjonat l-Għassa taż-Żejtun, li kien wassal lis-Surġenta Miriam Lia fuq il-post tal-inċident. Qal iżda li l-istqarrijiet tal-persuni li kienu fuq il-post ittieħdu mis-Surġenta u mhux minnu.

23. Waqt l-udjenza tad-2 ta' Lulju, 2021, sar il-kontro-eżami ta' **Dr Joseph Spiteri**[29], li qal li r-rikorrent kien mibgħut għandu mingħand tabib ieħor, għaliex kien qiegħed isofri minn *post-traumatic stress disorder.* Qal li minn dak li seta' jikkonstata meta eżamina lir-rikorrent, sab li dan qiegħed ikollu frekwenza għolja ta' ħsibijiet negattivi minħabba l-inċident, u dawn il-ħsibijiet huma

[26] *A fol.* 269 tal-proċess.
[27] *A fol.* 275 tal-proċess.
[28] *A fol.* 287 tal-proċess.
[29] *A fol.* 311 tal-proċess.

"*intrusive*". Qal ukoll li fil-fehma tiegħu r-rikorrent għandu debilità psikjatrika ta' 12%, li baqa' jsofri minnha wara l-inċident, u ladarba kien hemm dik id-debilità f'perijodu ta' żmien wara li seħħ l-inċident, dak ifisser li hemm il-*likelihood* ta' permanenza f'din id-debilità.

24. Waqt l-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2021, xehdet **PS 2269 Miriam Lia**[30], li qalet li meta seħħ l-inċident, hija kienet stazzjonata l-Għassa taż-Żejtun, u l-ħabta kienet tinvolvi żewġ vetturi, vann u karozza. Qalet li f'dan l-inċident kien weġġa' Carmel Brincat, u hija kienet ħadet il-verżjoni taż-żewġ sewwieqa involuti fil-ħabta. Qalet ukoll li Carmel Brincat kien ħareġ minn *side road* żgħira, għat-triq prinċipali li hija Triq Ħal Tarxien. Waqt udjenza sussegwenti[31], l-istess xhud spjegat li hija kienet ħarġet xi akkużi rigward dan l-inċident, iżda ma setgħetx tagħti aktar dettalji dwar x'kienu l-akkużi u kontra min inħarġu.

25. Waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2022, sar il-kontro-eżami tal-intimat[32], li qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien għaddej b'veloċità ta' mhux aktar minn 50 kilometru fis-siegħa. Minkejja li mir-ritratti esebiti[33] jirriżulta li r-rikorrent kien ilu wieqaf madwar tletin sekonda f'*side street,* l-intimat qal li huwa ma kienx rah qabel seħħ l-inċident, u kull ma jaf huwa li kien għaddej fit-triq u f'daqqa waħda ħass daqqa mal-ġenb tal-passiġġier. L-intimat qal li kien ir-rikorrent li ħareġ f'daqqa, u allega li l-gravità tal-inċident hija dovuta għall-fatt li l-vann tar-rikorrent huwa ħafif ħafna. Qal ukoll li d-daqqa kien ir-rikorrent li taha lilu, u mhux hu li kien ta daqqa lill-vann tar-rikorrent. Qal ukoll li huwa żamm il-*brake*

---

[30] *A fol.* 337 tal-proċess.
[31] *A fol.* 359 tal-proċess.
[32] *A fol.* 361 tal-proċess.
[33] *A fol.* 151 sa 154 tal-proċess.

wara li kien hemm l-impatt. L-intimat qal li huwa kien qiegħed isuq vann kbir (*minibus*), li baqa' jitkaxkar għal tul ta' metri wara li seħħ l-inċident.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

26. Din il-Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, u dak li ntqal mix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiemha, u ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-responsabbilità għall-inċident. Jirriżulta li l-inċident seħħ waqt li r-rikorrent kien wieqaf meta kien qiegħed jistenna li jidħol fi spazju ta' parkeġġ bil-vann tiegħu f'*side street.* Ir-rikorrent qal li kien waqt li huwa kien wieqaf u kien qiegħed jistenna li jidħol fil-*parking space* minflok vettura oħra, li ħass daqqa qawwija mal-ġenb tal-vettura tiegħu, u l-impatt tant kien qawwi li huwa spiċċa fuq is-*seat* tal-passiġġier, filwaqt li l-vann tiegħu dar. Ir-rikorrent sofra wkoll diversi ġrieħi. L-intimat ċaħad li huwa kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva fil-ħin li seħħ l-inċident, u allega li l-inċident seħħ minħabba negliġenza tar-rikorrent, li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed iħares lura fil-mera u ma tax kas min kien ġej mit-triq prinċipali.

27. Il-Qorti tirrileva li kieku huwa minnu li l-intimat ma kienx għaddej b'veloċità qawwija, il-konsegwenzi tal-kolliżjoni li seħħet ma kinux ikunu li l-vettura tar-rikorrent tispiċċa *total loss,* jew li r-rikorrent ikollu jqatta' żmien rikoverat l-isptar b'diversi ġrieħi, anki jekk ġie liċenzjat mill-isptar erbat ijiem wara, u b'uġigħ li baqa' jsofri minnu għal tul ta' żmien wara l-inċident. Mhux ikkontestat li fil-ħin tal-inċident il-vettura tar-rikorrent kienet wieqfa, u l-intimat xehed li huwa ma kienx ra lir-rikorrent wieqaf mal-ġenb tat-triq qabel seħħ l-impatt. Mill-provi jirriżulta wkoll li waqt li r-rikorrent kien wieqaf fil-post fejn seħħ l-inċident, minn ħdejh għaddew diversi vetturi li baqgħu għaddejjin, u għalhekk ma jistax jingħad li r-rikorrent b'xi mod beda jostakola l-vista ta' min

kien għaddej mit-triq prinċipali, għaliex vetturi oħra baqgħu għaddejjin mingħajr problemi. Il-Qorti tqis għalhekk li mill-provi prodotti jirriżulta li kien l-intimat li naqas milli juża d-diliġenza meħtieġa bħala sewwieq li kien għaddej minn triq prinċipali, u seta' jipprevedi li fi triq b'diversi *showrooms* u *side streets,* bħal ma hija t-triq in kwistjoni, seta' jiltaqa' ma' xi ostakolu jew ma' xi ħadd ħiereġ mill-ġenb tat-triq. Li kieku l-intimat kien qiegħed juża d-diliġenza u l-attenzjoni meħtieġa, dan seta' jaqsam fuq il-karreġġata l-oħra sabiex jevita l-impatt mar-rikorrent, imma skont dak li xehed l-intimat stess, huwa ma kienx induna bir-rikorrent qabel ma seħħ l-impatt. Dan ma jfisser xejn ħlief li l-intimat ma kienx qiegħed jeżerċita l-prudenza u d-diliġenza meħtieġa minn sewwieq fi triq prinċipali. L-obbligu li sewwieq iżomm *proper lookout* ingħatat tifsira f'diversi insenjamenti tal-Qrati tagħna. Hekk per eżempju f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla** fis-17 ta' Ġunju, 1961, ingħad illi:

> *"min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm* 'a proper lookout'*."*

28. Sentenza mogħtija minn Qorti barranija ta' spiss tiġi ċċitata mill-Qrati tagħna hija dik fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[34] fejn l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

29. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[35], ġie ritenut illi:

[34] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).
[35] 21.05.1960.

> *"Driver ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm* a proper lookout *għall-vejikoli,* pedestrians*, u* road-users *oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta'* split second *u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."*

30. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[36], sar riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali, sabiex ġie stabbilit li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan li għandu jwieġeb għaliha is-sewwieq:

> *"Illi fir-rigward ta'* proper lookout *dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu* 'an awareness of his immediate vicinity' *u ċioé li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll* ***P. Spiteri vs R. Caruana*** *App 5/10/98;* ***Maria Vella Galea vs Oresta Sammut*** *App. 5/10/98;* ***Dr Remigio Zammit Pace vs C. Grima****, App. Inf. 16/05/97;* ***A. Gatt vs M. Shephard****, App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ inċident stradali."*

31. Applikati dawn il-prinċipji għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, huwa ċar li l-intimat ma kellux il-*proper lookout* rikjest minn sewwieq waqt li kien għaddej mit-triq prinċipali. Familjari kemm kien familjari mal-inħawi, l-intimat kellu l-obbligu li jkun attent u viġilanti mhux biss għal dak li seta' kien hemm fit-triq prinċipali minn fejn kien għaddej hu, imma għal kull ħaġa li kien hemm fil-

[36] 01.03.2011.

viċinanzi immedjati tiegħu, inkluż vetturi li setgħu kienu wieqfa mal-ġenb tat-triq, u joqgħod attent li ma jgħaddix daqstant viċin il-ġenb tat-triq b'mod li jista' jolqot xi vettura li tkun qiegħda fuq l-i*stop sign,* kif aktarx li ġara f'dan il-każ. Il-Qorti għalhekk m'għandha l-ebda dubju li l-intimat għandu jwieġeb għad-danni kollha sofferti mir-rikorrent.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

*Damnum Emergens:*

32. Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-intimat għall-inċident, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrent. Fir-rigward tad-danni materjali sofferti, ir-rikorrent ippreżenta diversi rċevuti bħala prova tal-ispejjes li huwa kellu jagħmel għal servizzi mediċi, tobba u mediċini in segwitu għall-inċident. Mill-provi esebiti jirriżulta li d-danni attwali jammontaw għal €1,471.46 (€6.99 + €56 + €140 + €50 + €51 + €200 + €60 + €70 + €80 + € 450 + €19.98 + €17.49 + €270). Hemm ukoll l-ispejjeż tal-vettura li r-rikorrent kellu jixtri għaliex il-vettura li kien qiegħed isuq fil-ħin tal-inċident ġiet *total loss,* fejn mill-fattura esebita *a fol.* 122 tal-proċess jirriżulta li l-vettura li xtara ġiet tiswa €2,950, li minnhom iridu jitnaqqsu €650 tal-valur tal-iskrapp tal-vettura li huwa kellu, sabiex b'hekk il-bilanċ li tħallas mir-rikorrent huwa ta' €2,300. Dan ifisser li t-total tad-danni reali sofferti mir-rikorrent huwa ta' **€3,771.46**.

*Lucrum Cessans:*

33. Għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ soffert mir-rikorrent minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu, il-Qorti trid tieħu konsiderazzjoni ta' diversi fatturi. L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula kif għandhom jitqiesu danni ta' din ix-xorta:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

34. Fis-sistema legali tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks**[37], ġie stabbilit illi:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-* lucrum cessans *dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, varjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

35. Fil-każ odjern jirriżulta li r-rikorrent kien ilu pensjonant madwar seba' snin qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u minkejja li qal li kien qiegħed ifittex li jerġa' jidħol fis-servizz li kieku mhux għax seħħ dan l-inċident, ma nġabet l-ebda prova ta' dan. Madanakollu, fiż-żmien meta seħħ l-inċident ir-rikorrent kien għadu attiv sew, kien jgħin lil uliedu jagħmlu xi xogħol manwali fid-dar tagħhom, u dan bil-għan li jiffrankalhom il-flus, kif ukoll kien għadu jagħmel b'mod regolari xogħol ta' manutenzjoni fid-dar tiegħu. Mill-provi jirriżulta li wara li seħħ l-inċident, ir-rikorrent m'għadx għandu s-saħħa li jagħmel ċertu xogħol, mhux lanqas minħabba fid-debilitajiet permanenti li ġarrab. Il-Qorti sejra tibbaża d-dħul tar-rikorrent għas-sena li fiha seħħ l-

[37] 27.04.2005.

inċident fuq il-paga minima nazzjonali f'Malta fl-2015, li jirriżulta li kienet ta' €8,736.52.[38] Din il-paga trid tiġi aġġustata abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[39] li ser tistabbilixxi din il-Qorti, kif ukoll abbażi tar-rata tal-inflazzjoni stabbilita bħala l-medja fuq perijodu ta' ħames snin. Il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' 5, tenut kont li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, ir-rikorrent kien għadu jgħix ħajja attiva, kien jgħin lil uliedu b'tali mod li kien jiffrankalhom il-flus bix-xogħol fid-dar, u li kieku mhux għax seħħ l-inċident kien mistenni li jkomli għaddej b'ħajtu b'mod attiv. Il-paga minima nazzjonali fl-2015 aġġustata skont ir-rata tal-inflazzjoni[40], li bħala medja fil-ħames snin ta' wara l-inċident kienet ta' 1.09% fis-sena (0.64% fl-2016; 1.37% fl-2017; 1.16% fl-2018; 1.64% fl-2019; u 0.64% fl-2020), bid-dħul medju tal-attur li kien mistenni li jiżdied għal **€9,212.66** fis-snin ta' wara l-inċident.

36. Fil-każ odjern kienu tlieta l-ispeċjalisti mediċi li rrelataw dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta minnu konsegwenza tal-inċident. Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent qiegħed isofri minn debilità permanenti ortopedika ta' 6%, debilità permanenti estetika ta' 5%, u debilità permanenti psikjatrika ta' 12%. Il-Qorti hawnhekk tqis li jkun utili li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet **Brian Micallef *vs.* Brian Tyre Services et**[41]:

---

[38] A.L. 431 tal-2015.

[39] Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emanuel Zahra *vs.* Patrick Vassallo,** mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti qalet hekk dwar il-kunċett tal-'multiplier': *Fil-kalkolu tal-multiplier wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux il-*life expectancy *tad-decujus, iżda l-ħajja lavorattiva tiegħu, in-natura u s-saħħa tiegħu, li tista' tvarja minn bniedem għal bniedem minħabba dawk iċ-ċirkostanzi li jissejħu the* 'chances and changes of life'*. Wieħed irid jeżamina l-*earning capacity *tal-individwu, rigward tal-mard kif kontro-bilanċjat mill-istat ta' saħħa tad-diżgrazzjat. Illi għalhekk il-multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat, iżda fuq l-aspettattiva lavorattiva tiegħu u għandu jieħu in kunsiderazzjoni taċ-*chances and changes of life*.*

[40] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe***,* il-Qorti stabbiliet illi, "*Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier.*"

[41] 31.01.2014.

> *"Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala* weighted average*, fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average*, għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (***Cassar Pullicino noe et vs Xuereb et, App. 20.02.2009)***."*

37. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frendo *vs* Cachia**[42], il-Qorti saħqet illi:

> *"Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."*

Mill-kalkolu li għamlet il-Qorti, il-*weighted average* tad-debilitajiet permanenti sofferti mir-rikorrent jagħtu debilità globali ta' 16.4%.[43]

38. L-ammont likwidat irid jitnaqqas b'20% peress li l-ħlas ser isir f'darba. F'kawżi li ħadu diversi snin biex jinqatgħu, il-Qrati tagħna kemm-il darba rritjenew li għandu jkun hemm tnaqqis ta' 2% għal kull sena ta' dewmien sakemm il-kawża kellha eżitu finali. Imma fiċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tirrileva li m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-komputazzjoni finali minħabba d-dewmien, u dan għaliex l-inċident seħħ fis-sena 2015, u dawn il-proċeduri bdew madwar sentejn wara. It-tul li ħadu dawn il-proċeduri ma jistax jiġi attribwit lil xi nuqqas ta' parti jew oħra, tenut kont li dawn il-Qrati għamlu żmien weqfin minħabba l-prekawzjonijiet li kellhom jittieħdu b'rabta mal-pandemija tal-Covid-19, u għalhekk il-Qorti m'hija ser teffetwa l-ebda tnaqqis għad-dewmien.

39. Għaldaqstant, ikkunsidrata l-medja tal-paga tar-rikorrent aġġustata skont l-inflazzjoni u ż-żidiet annwali fil-paga (€9,212.66), multiplikata

---

[42] 20.04.2009, P.A.

[43] Ara Regolament 3 tad-Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity – "Assessment Regulations" tal-2010 maħruġa mill-Ministeru Responsabbli għall-Ġustizzja, fejn il-formula li qiegħda titħaddem hija: (100-12/100)x5+12 (skont l-ogħla u l-anqas rata ta' debilità permanenti stabbilita mill-esperti mediċi).

b'*multiplier* ta' 5, u meta wieħed jikkonsidra l-grad ta' diżabilità fil-perċentwal totali ta' 16.4%, jagħti l-ammont ta' €7,554,38. Tnaqqis ta' 20% ta' dan l-ammont minħabba li l-ħlas ser isir f'pagament ta' darba, iwassal għal kumpens ta' **€6,043.50**. Dan l-ammont, flimkien mad-danni materjali li jammontaw għal €3,771.46, il-kumpens li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrent għad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-inċident jammontaw għal **€9,814.96.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat;**
2. **Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, u tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri;**
3. **Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' disat elef, tmien mija u erbatax-il Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€9,814.96).**
4. **Konsegwentement tikkundanna lill-intimat iħallas dan l-ammont lir-rikorrent. Bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimat mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

**L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tal-intimat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**